# SJAF *e*-Magazine

***SJAF is affiliated to the Anti-Poverty Forum Malta, the Mental Health Association Malta, the Malta Health Network***

***SJA FOUNDATION***
Ċentru Antida
51, Tarxien Road
Tarxien TXN1090
Reception Desk Tel. 2767 2367/21808981
Email: miriam.sjaf@gmail.com

***a monthly e- magazine – Issue No.34, May 2010***

# ŻARNA BLA ĦSIEB *SERVICE USER* MINN POVERTY HOUSE, OSLO

**Din il-ġimgħa waħħalna poster bl-Ingliż dwar il-ħidma tal-Fondazzjoni fin-Notice Board ta' mal-faċċata taċ-Ċentru Antida f'Ħal Tarxien. Għall-ewwel ħsibna li aħjar inħallu kollox bil-Malti. Imma mbagħad għidna li tajjeb ninkludu xi tagħrif bl-Ingliż ukoll. Kwarta wara daħal fiċ-Ċentru Antida raġel Norveġiż li kien fi triqtu lejn it-tempji ta' Ħal Tarxien. Qalilna li lemaħ il-poster ikkulurit bl-Ingliż hu u għaddej u tħajjar jieqaf jaqrah. Interessah għax fehem li d-drop-in-centre tagħna kien jixxiebah xi ftit jew wisq mal-Poverty House fil-belt kapitali tan-Norveġja – Oslo – li ilu assoċjat magħha sa mit-twaqqif tagħha.**



**Ilqajnieh u smajnieh għax kellu ħafna x'jgħid u ma setax jieqaf jirrakkonta l-esperjenzi tiegħu u jaqsam ir-riflessjonijiet tiegħu fuq il-faqar. Arvid qalilna li Poverty House twaqqfet u titmexxa minn service users li jirċievu benefiċċji soċjali. Hu ukoll huwa dipendenti fuq il-benefiċċji soċjali tal-istat. Qalilna li għandu ħafna problemi imma li mhux se jitkellem fuqhom għax għandu ħafna aktar fuq xhiex jgħid mingħajr ma jġiegħel lil dak li jkun isir *bored* jisimgħu! Qalilna li f'pajjiż magħruf għall-għana, standard għoli ta' ħajja, u firxa ta' servizzi soċjali sofistikati li jħarsu lil dawk li jsibu ruħhom f'ċirkostanzi diffiċli, wieħed ma jistennix li jsib il-faqar. Arvid qalilna li jikkalkula li mal-40,000 persuna f'Oslo biss huma foqra. Poverty House hija affiljata mal-Welfare Alliance – dak li f'pajjiżi oħra fl-Ewropa magħruf bħala l-Anti-Poverty Network u f'Malta bħala l-Anti-Poverty Forum. Il-Fondazzjoni hija membru ta' dan il-Forum.**

**……pg 2**

*KONTENUT*

**Iżurna Service User minn Poverty House, Oslo………1/2**
**Riżorsi għal gruppi żgħar……………………………………….3**
**Aħbarijiet mill-Fondazzjoni……………………………………4/5**
**Krafts għat-tfal……………………………………………………6**
**Santa Giovanna Antida – għaliex tispirani…………………8/9**
**Avviżi……………………………………………………………11**
**Il-Kunċett ta' Conversion Handicap u l-Faqar………………3**
**Voluntieri Ġodda…………………………………………………3**
**Mill-grupp tal-Ħbieb……………………………………………6**
**19th General Chapter – Sisters of Charity…………………7**
**Rokna Poeziji……………………………………………………10**

Dwar il-binja ta' Poverty House, jew Fattighuset bl-ilsien Norveġiż, Arvid qalilna li tinsab f'bini kbir. L-organizzazzjoni tikri tliet sulari f'bini akbar. Is-sular ta' taħt l-art jintuża bħala maħżen għall-ikel, ħwejjeġ u xi affarijiet essenzjali għad-dar. F'dan il-maħżen għandhom numru ta' freezers għall-ikel billi għandhom qbil ma xi ħmistax-il supermarket biex mingħandhom jinġabar ikel li wasal qrib id-data ta' skadenza. Fis-sular ta' mat-triq għandhom kmamar minn fejn iqassmu l-ikel, ħwejjeġ u affarijiet essenzjali oħra lil kull min jeħtieġhom għax jiddependi għall-għixien biss fuq il-benefiċċji soċjali. Fl-ewwel sular imbagħad hemm l-uffiċini, Tea/Coffee shop, kmamar żgħar għall-counselling u xi kmamar għall-membri tal-Bord li jiggverna l-Poverty House. Qalilna li huma wkoll għandhom kċina bħalna għat-tisjir u biex jilqgħu n-nies fiha. Qalilna: "Our kitchen is as nice as your, especially since we recently found a sponsor to refurbish it." Milli jidher, il-kċina tagħna għoġbitu u ħassu milqugħ fiha! Bħal Fondazzjoni, il-Poverty House għandha ħafna kotba mal-bini biex is-service users jaqbdu wieħed u joħduh magħhom mingħajr ma jkollhom għalfejn iġibuh lura. Għidtlu li aħna għandna l-istess policy – jiġifieri li nieħdu gost meta xi ħadd jinteressa ruħu fi ktieb u jkun irid jieħdu miegħu.

Dwar it-tmexxija ta' Poverty House, Arvid qalilna li hemm madwar 150 service users li huma membri tal-organizzazzjoni. Madwar 60 minnhom jiltaqgħu kull tliet xhur biex jiddiskutu l-andament tal-post, il-finanzjament tiegħu, il-ġbir ta' fondi, is-servizzi li jingħataw u xi aspetti oħra. Hemm ukoll kumitat li jikkontrolla l-andament tal-post. Dawn huma service users li jkunu regolarment fil-bini biex jiżguraw li l-post jitmexxa sew. Il-membri ta' dan il-kumitat ta' kontroll, madwar 15, jirċievu €500 honorarium għal xi spejjeż li jkunu għamlu relatat mal-kontribut volontarju tagħhom f'Poverty House. Kull membru tal-kumitat ikun fil-post mat-3 darbiet fil-ġimgħa.

Dwar il-foqra u l-attitudnijiet tagħhom, Arvid qalilna li huwa tassew diffiċli biex wieħed jirnexxilu jgħinhom jorganizzahom ruħhom biex isemmgħu leħinhom b'vuċi waħda għall-interessi komuni. Qalilna li nies foqra huma bla paċenzja, mhumiex kapaċi jistennew 5 minuti bi kwiethom u ikunu jridu jinqdew 'issa stess' jew xejn. Qalilna wkoll li xi foqra huma rgħiba u egoisti waqt li ħafna għandhom it-tendenza li malli jdaħħlu xi ħaġa jonfquha minnufih mingħajr ma jikkunsidraw il-konsegwenzi.

Dwar il-finanzi ta' Poverty House, sirna nafu li bħal Fondazzjoni tagħna, is-sorsi ta' fondi ta' Poverty House huma l-istat, il-Kunsill Lokali, kumpaniji, fondazzjonijiet u l-pubbliku. Bejn wieħed u ieħor, il-Poverty House iddaħħal mal-€150,000 fis-sena. L-akbar nefqa rikorrenti hija l-kirja tat-tliet sulari tal-bini billi din tiswa kważi €56,000 fis-sena għax il-propjetà f'Oslo tiswa ġmielha. Mill-bqija, hemm il-kontijiet tal-ilma u dawl x'jitħallsu, it-telefon u s-servizz ta' l-internet, il-ħlas għall-15-il membru tal-Kumitat ta' Kontroll, il-posta għal hemm mal-150 membru, miżata għat-tindif u manteniment tal-common parts tal-binja, il-petrol u xi spejjeż oħra marbuta mal-vann li jintuża għall-ġarr tal-ikel u ħwejjeġ.

Poverty House għandha il-Friends of Poverty House ukoll – grupp ta'persuni li jappoġġjaw il-ħidma tal-organizzazzjoni għax jemmnu fil-filosofija u prinċipji li tħaddan. Is-surplus ta' ħwejjeġ tajbin li tirċievi Poverty House jingħata lis-Salvation Army; il-bqija jingħata lil kumpaniji li jiġu bżonn ċraret għax-xogħol li jinvolvi żjut u tiswijiet ta' vetturi.

Meta staqsejt lil Arvid jekk hemmx Social Workers li jaħdmu fl-organizzazzjoni, huwa qalli: "Ma tarax! Għalfejn? Jekk ikollna Social Workers impjegati magħna, dawn jieħdu kontroll ta' tmexxija u jmexxuna huma flok ma jħallunu immexxu lilna nfusna!" Biss, Poverty House tagħmel xogħol ta' broker sabiex tiggwida lil dak li jkun lejn servizzi oħra li jeżistu. "No one is allowed to make a career out of Poverty House!" qalilna Arvid. (ara: www.fattighusetoslo.org)

# The important concept of “Conversion Handicap” in Poverty Relief Programmes

“Being disabled has a double effect, in reducing a person‘s ability to earn an income (the “earning handicap”) and in making the conversion of income into good living that much harder, thanks to the costs of assistance, and the impossibility of fully correcting certain types of disadvantages caused by disability (the ‘conversion handicap’). A person who happens to be physically disabled may need to pay for assistance, and even then may not become able to move around freely. The conversion handicap is routinely missed in poverty relief programmes that focus only on the lowness of incomes.

As Wiebke Kuklys, a brilliant young student at Cambridge, has recently shown, the conversion handicap for British families with disabled members is four or five times as important as the income handicap. A system of poverty removal that concentrates only on the lowness of income, in particular whether a person’s – or family’s - income is below the poverty line, will catch the earning handicap, but not the conversion handicap, and this could make the poverty relief programme inadequate. Indeed, the nature of every serious economic and social problem may be significantly influenced by taking the importance of freedom and capabilities seriously.

**(Sors: artiklu Contracts don’t add up to real life ta’ l-ekonomista u filosfu magħruf Amartya Sen. L-artiklu deher fil-gazzetta Guardian Weekly, 2/4/10 paġna 19)**

The guardian Weekly dated 2-8April 2010

Riżorsi għal gruppi żgħar:

## il-virtù tas-SAGRIFIĊĊJU

Li tagħmel sagrifiċċju jfisser li tkun lest li tabbanduna xi ħaġa aktar importanti. Sagriċċju jfisser li “tagħmel sagru”. Is-sagrifiċċju mhuwiex ċaħda iżda offerta ta’ mħabba. Meta nissagrifikaw il-ħin tagħna, oġġetti għal qalbna, il-kumdità u mezzi oħra għal xi ħaġa li nħobbu tassew, nirċievu lura ferm aktar. Kull qatra għaraq u kull ġerħa li nġarrbu tiswa mitqlu deheb. Huwa meta nagħtu kull m’għandna li nsiru ġenwinament għonja.

**Il-Prattika tas-Sagrifiċċju**

- Nagħraf x’inhi l-passjoni ewlenija tiegħi;
- Noffri mħabbti b’ruħi u ġismi;
- Nagħti dak kollu li nista’;
- Ninvesti kollox għall-għan ta’ ħajti;
- Naċċetta t-telfiet daqs kemm naċċetta r-rebħiet;
- Nikkommetti ruħi għall-valur tal-ħolm tiegħi.

## il-virtù tal-FORTITUDNI

Il-fortitudni tfisser qawwa ta’ karattru. Tfisser r-rieda li tissaporti b’kuraġġ, paċenzja u kunfidenza, jiġri x’jiġri. Il-fortitudni hija msejsa fil-fond fil-pedament tar-rieda tagħna. Nikkultivaw il-fortitudni billi nkunu dejjem aktar lesti li niffaċċjaw kull ma jiġi. Il-Fortitudni hija xprunata mid-devozjoni lejn skop li nemmnu li hu ħaj u importanti. Il-fortitudni tikber hekk kif aħna niffaċċjaw u ngħelbu ostakli kbar. Tgħinna nibqgħu mexjin. Il-fortitudni tissorprendina. Żomm qalbek prezzjuża ankrata fil-fortitudni u tara kif tħossok qed tfiq. Il-fortitudni hija l-qawwa ta’ruħi.

**Il-Prattika tas-Sagrifiċċju**

- Għandi r-rieda li nissopravivi;
- Għandi l-paċenzja li nissapporti;
- Inħossni mmexxi minn skop ċar;
- Naf sew x’inħobb;
- Dak kollu li jgħaddi mingħalija se jsaħħaħni.

(sors: Virtues Project)

Welcome

***NEW VOLUNTEERS WITH SJAF***

*Mary Anne pace – Receptionist*

*Sr Joan Borg – Befriending*

*Kyle Anthony Pulis – Art Mentor*

# Aħbarijiet mill-Fondazzjoni

**KLINIKA TAS-SAĦĦA PRIMARJA FIL-PAKISTAN:** Il-Fondazzjoni flimkien mal-Provinċja tas-Sorijiet tal-Karità f'Malta dalwaqt se jibdew proġett ta' bini ta' klinika rurali tas-saħħa primarja f'Faisalabad, fil-Pakistan. Din il-klinika kienet iġġarrfet fit-terremot tas-sena 2005. Permezz ta' fondi mill-Overseas Development Fund (ODA) tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, se nkunu f'qagħda li nibnu mill-ġdid din il-klinika. Il-proġett jismu: **Rebuilding a rural Health Clinic for the poor located in Chak 4, Faisalabad district, Pakistan, that was structurally damaged in the 2005 earthquake.** Din il-klinika ilha mmexxija mis-sorijiet għal dawn l-aħħar 15-il sena. Nuqqas ta' fondi xekklu lis-sorijiet milli jġarrfu l-binja prekarja u jibnuha mill-ġdid. Żewġ sorijiet – infermiera u assistenta tagħha, jilqgħu madwar 20 morda foqra kuljum, fil-maġġoranza tagħhom nisa.

Chak 4 huwa raħal b'popolazzjoni ta' għaxart elef. Il-biċċa l-kbira tan-nies huma raħħala bdiewa li bilkemm jaqilgħu għaxja ta' lejla. Ir-raħħala ta' spiss jimirdu bil-malaria, typhoid, influwenza, mard tal-ġilda, tuberkolożi, hepatitis, scabies, dijarea u mard ieħor. Il-kundizzjonijiet ta' ħajjithom huma kiefra. In-nisa jsajru fi fran tal-ġebel magħmula bl-idejn (speċi ta' kenur); isajru fil-beraħ u ta' spiss isofru ħruq. It-tfal ta' spiss ikunu dehydrated minħabba l-ambjent nieqes mill-iġene u minħabba ilma mhux safi. Il-klima sħuna ħafna kemm ukoll l-ilma mniġġes, nuqqas ta' flus għall-ikel u ħwejjeġ oħra meħtieġa bħal mediċini jirrendu lill-familji vulnerabbli ħafna.

L-akbar tbatija hija mġarrba min-nisa u tfal. Ħafna nisa jmutu waqt it-tqala jew wara li jwelldu minħabba in-nuqqas ta' iġene u nuqqas ta' kura. Xi nisa jmutu għax il-familjari jkunu traskuraw il-kura tagħhom bħala kastig talli welldu tifla. Għad hemm każijiet ta' nisa li jinħarqu minn żwieġhom jew mill-kunjata għax ikunu naqsu milli jwelldu tifel. Ħafna tfal jintbagħtu jittalbu fl-ibliet biex iġibu xi ftit flus lura d-dar ħalli kulħadd jitrejjaq. Din it-tip ta' ħajja tpoġġi lit-tfal f'riskju ta' abbuż sesswali, ħtif biex joħdulhom xi organu u anke qtil. Ħafna familji jinħaslu fl-istess ilma fejn jinħaslu l-merħliet tagħhom.

Malli l-fondi jingħatawlna, is-Sorjijiet tal-Karità fil-Pakistan se jibdew il-proġett li se jkun jikkonsisti f'binja ta' żewġ sulari: isfel se jkun hemm waiting room għall-irġiel u oħra għan-nisa, karma maqsuma fi tnejn fejn jiġu eżaminati l-pazjenti, karma għat-twelid bi spazju għall-ħażna tal-mediċini u medikamenti u żewġ kmamar tal-banju, waħda għall-ħaddiema u l-oħra għall-pazjenti u qraba. Fis-sular ta' fuq se jkun hemm laboratorju, karma fejn tobba jeżaminaw il-pazjenti u kamra tal-banju. Is-sorijiet qed jippjanaw li jiżviluppaw programm ta' edukazzjoni fuq is-saħħa u iġene għall-familji ta' Chak 4 ukoll.

**BIDU TA' PROĠETT SOĊJALI FIL-PARROĊĊA TA' ĦAŻ-ŻABBAR** – bdiet it-tħejjija għal dan il-proġett iffinanzjat għal sena mill-ISTRINA. Il-Kappillan qed jalloka żewġ uffiċini fl-Uffiċċju Parrokkjali bħala bażi għat-tim sabiex ikollu minn fejn jopera u jiltaqa' ma' familji li jippreferu li jaslu wasla sa l-uffiċċju. Qed tinstab għamara għal counselling room u uffiċċju. Se jkollna linja tal-easyline għall-proġett. It-tim diġa' beda jintervista nies midħla sew ta' Ħaż-Żabbar ħalli jiffamiljarizza ruħu mal-lokal u l-isfidi u l-opportunitajiet tiegħu. Identifikajna 5 żoni b'konċentrazzjoni ta' problemi soċjali. Se nagħmlu outreach f'dawn iż-żoni sabiex insiru nafu lill-familji u magħhom nagħmlu pjan ta' inizjattivi mixtieqa minnhom.



**STUDENTI MILL-ISKOLA LORENZO MANCHÈ IŻURU Ċ-ĊENTRU ANTIDA:** Fit-18 ta' Mejju, 24 studenti mill-Forms 4 u 5 tal-iSkola Lorenzo Manche (l-Ospizio) li tagħmel parti mill-Kulleġġ San Ġorġ Preca żaru l-Fondazzjoni flimkien ma' l-għalliema tagħhom u xi ġenituri. L-għan taż-żjara kien sabiex studenti b'nuqqas ta' ħiliet bażiċi jsiru jafu aktar dwar il-Programm Bridge tal-Fondazzjoni u jkunu f'qagħda aħjar li jaraw jekk dan jgħoddx għaċ-ċirkostanzi u ħtiġijiet tagħhom ladarba jtemmu l-Form 5. L-istudenti ltaqgħu ma' żgħażagħ li diġà temmew il-Programm Bridge. Qabel telqu, l-istudenti mill-iSkola Lorenzo Manche ppreżentaw lill-Kap tal-Fondazzjoni żewġ oġġetti magħmulin bl-idejn minnhom stess bħala turija ta' apprezzament. Ippreżentaw faċċata ta' dar Maltija maħduma mill-ġebla Maltija u mera gwarniċjata b'tiles ċkejknin. Kulħadd ikkummenta dwar il-livell għoli ta' ħidma, livell għola minn dak li ta' sikwit naraw fi ħwienet turistiċi. Iż-żgħażagħ li żaruna għandhom potenzjal kbir għal xogħol ta' l-artiġjanat. Nittamaw li l-Programm Bridge tal-Fondazzjoni jiftaħ bieb għal uħud minnhom li l-aktar li jeħtieġu appoġġ fil-qasam tal-ħiliet bażiċi.

**ŻJARA MILL-MENTAL HEALTH TEAM TA' DR DAVID CASSAR:** Nhar l-Erbgħa 19 ta' Mejju, Konsulent Psikjatra, tabib, żewġ psikologi, żewġ social workers u żewġ occupational therapists li jaħdmu bħala tim kemm fl-isptar Monte Carmeli kif ukoll fil-komunità żaru l-Fondazzjoni sabiex isiru aktar midħla tal-ħidma u tal-mod kif il-Fondazzjoni twettaq xogħolha fil-komunitajiet fejn toffri servizzi. Iż-żewġ partijiet iddiskutew ukoll kif jistgħu jikkolaboraw aħjar fil-qasam tas-saħħa mentali.



**EŻERĊIZZJU SWOT KUMMISSJONI DJAKONIJA TAL-FGURA** Il-Kummissjoni Djakonija tal-parroċċa tal-Fgura talbet lill-Fondazzjoni tmexxi eżerċizzju SWOT (Strengths, Weaknesses, Opportunities, Threats) sabiex tkun f'qagħda aħjar li tiżviluppa l-ħidma soċjali b'risq in-nies fil-bżonn fil-parroċċa. L-eżerċizzju sar fl-20 ta' Mejju filgħaxija. Il-Kummissjoni qed tippjana biex tiftaħ Uffiċċju Kummissjoni Djakonija minn fejn tista' topera regolarment.

**IL-PIP U XOGĦOL TA' REFURBISHMENT FIL-FONDAZZJONI**: Residenti tal-Prison Inmates Programme (PIP - Dar Sant'Anna) tal-CARITAS Malta ilhom xahar jagħmlu xogħol professjonali ta' refurbishment tad-dar antika bieb bieb maċ-Ċentru Antida bħala parti minn proċess terapewtiku tagħhom. Il-Fondazzjoni tirringrazzjahom mill-qalb tad-dedikazzjoni u xogħol ta' kwalità tajba tagħhom.

**SHELTER:** Bħalissa l-Fondazzjoni qed tesplora l-possibiltà ta' ħolqien ta' shelter għall-akkomodazzjoni t'emerġenza b'diskussjoni ma' entitajiet oħra sabiex id-deċiżjoni tkun waħda msejsa fuq ħtiġijiet li jinħassu minn dawk involuti sew fil-qasam soċjali.

**LEJN ĦAJJA MIMLIJA:** Sr Salvina u Nora baqgħu għaddejjin bit-tieni serje ta' programmi fuq ir-Radju Maria – Lejn Ħajja Mimlija – li jittella' kull nhar ta' Ħamis bejn it-3.30 u l-4.00 ta' wara nofsinhar. Il-programm jiffoka fuq il-ħidma tal-Provinċja tas-Sorijiet tal-Karità kemm Malta kemm ukoll f'pajjiżi oħra u fuq is-servizzi offruti mis-St Jeanne Antide Foundation.

**SEHEM F'ESIBIZZJONI TA' POSTERS MINN GĦAQDIET LI JAĦDMU FIL-QASAM TAL-FAQAR**: Il-Fondazzjoni esibiet poster kbir dwar il-ħidma tagħha ma' familji vulnerabbli f'esibizzjoni organizzata mill-Kumitat Nazzjonali għas-Sena Kontra l-Faqar. L-esibizzjoni saret f'Palazzo Ferreria fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, Xogħol u Familja bejn is-17 u t-23 ta'Mejju.

**IRTIR CENTRING PRAYER**: Membri tal-Fondazzjoni li regolarment jattendu għal grupp ta' Centring Prayer qattgħu jum ta' meditazzjoni siekta flimkien m'oħrajn minn gruppi simili.

**RIĊERKA DWAR IL-QRABA TA' PERSUNI B'MARD MENTALI:** Il-Fondazzjoni qed tintervista qraba ta' persuni li jsofru minn mard mentali. Il-kwestjonarju elettroniku huwa sempliċi u jista' jimtela' faċilment u jintbagħat lill-EUFAMI (European Federation Families of the Mentally Ill).

- **6 ta' Mejju**: **Frida Mangion**, studenta ta' l-aħħar sena tal-kors Universitarju tas-Social Work, temmet il-**prattika tagħha fis-Social Work** mas-Servizz ta' Social Work u Counselling tal-Fondazzjoni. Insellmu lill-Frida, nirringrazzjawha tax-xogħol siewi li wettqet kemm damet tipprattika magħna u nixtiequlha ħajja hienja u karriera fejjeda.

- **7 ta' Mejju**: Kellna laqgħa mas-Sur Mario Azzopardi, Direttur tad-**Dipartiment tal-Lifelong Learning** (tagħlim tul il-ħajja) tad-Direttorati tal-Edukazzjoni. Tkellimna fuq l-opportunitajiet diversi li noffru bħala Fondazzjoni f'dan il-qasam u dwar il-ħtieġa ta' sistema li organizzazzjonijiet bbħal tagħna jkollhom sistema ta' reġistrar formali bħala Ċentri għat-Tagħlim Tul il-Ħajja u żamma ta' records dettaljati dwar il-korsijiet offruti sabiex l-istatistika ta' adulti li qed isegwu korsijiet tinġabar ukoll mill-NSO.

- **10 ta' Mejju**: Ruth ħadet sehem f'intervista ta' 20 minuta mill-preżentatur Twanny Scerri tal-Kalypso TV.

- **13 ta' Mejju**: Iltaqa' l-Governing Board tal-Fondazzjoni.

- **14 ta' Mejju**: Ruth attendiet Konferenza Nazzjonali ta' nofstanhar bit-tema **Asylum in Malta and the EU: Rights and Realities** organizzata mid-Dipartiment European & Comparative Law tal-Fakultà tal-Liġi u l-MESA bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea u b'kollaborazzjoni tal-Uffiċċju f'Malta tal-Parlament Ewropew u l-AMSDE.

- **15 u 16 ta' Mejju**: Membri tal-Ħbieb ta' Giovanna Antida li jinkludu membri tal-Fondazzjoni ħadu sehem **f'irtir ta' jumejn**.

- **20 ta' Mejju**: It-tema tal-Forum tan-Nanniet li jieħdu ħsieb in-neputijiet kienet **Il-Faqar f'Malta**. Mexxiet il-laqgħa Nora u kien hemm diskussjoni ħerqana dwar tema li dan l-aħħar qed tkun midħadtha ma' l-Ewropa kollha.

- **21 ta'Mejju**: Tim mill-**Aġenzija Appoġġ** li jaħdmu fi **tliet Ċentri Aċċess** (il-Belt Valletta, B'Kara u l-Qawra) żaru l-Fondazzjoni biex jiddiskutu strateġiji ta' kif wieħed jinserixxi ruħu f'komunità biex jitqarreb ma' familji vulnerabbli fid-diffikultà u jaħdem id f'id magħhom b'risq it-titjib tal-kwalità ta' ħajja tagħhom fil-komunità.



- **25 ta' Mejju**: Ħaddiema u service users iltaqgħu iċ-Ċentru Antida biex flimkien jaraw l-Eurovision.

- **28 ta'Mejju**: Nora attendiet Press Breakfast bit-tema **Homeless People and Asylum Seekers** organizzat mill-Kumitat Nazzjonali 2010 Sena Ewropea Ġlieda Kontra l-Faqar flimkien mal-Fondazzjoni Social Welfare Services.

# MILL-GRUPP ĦBIEB TA' ĠOVIOVANNA ANTIDA




Fuq Radju Maria, kull nhar ta' ħamis, bejn it-3.30 u l-4.00 ta' wara nofsinhar, jixxandar il-programm, "Lejn ħajja mimlijja". F'din is-sensiela, is-Sorijiet tal-Karità flimkien mal-Fondazzjoniu qegħdin jaqsmu l-esperjenzi tagħhom fil-ħajja tal-komunità, u jgħaddu tagħrif fuq il-ħajja tal-qaddisa u fuq is-servizzi offruti kemm Malta kemm ukoll barra f'pajjiżi fewjn hemm ħafna faqar.
Il-Ħamis 15 t'April kien imiss lill-Grupp tal-Ħbieb biex flimkien - Sr. Salvina Bezzina, Jessie Spiteri u Daniel Grech - jagħtu informazzjoni dwar dan il-grupp.

"Fil- Konċilju Vatican II, il-Papa Ġwanni Pawlu II qajjem il-kuxjenza dwar il-post tal-lajċi fi ħdan il-knisja, u f'dan il-każ, anke li l-lajċi jieħdu sehem fil-ħajja kkonsagrata lil Alla; ir-reliġjużi bil-voti tagħhom u l-ħajja komunitarja, u l-lajċi bil-ħajja tagħhom bħala miżżewġin, xebbiet jew ġuvintur." Hekk qagħlet Sr. Salvina fil-ftuħ tal-programm. Hekk ġara fis-snin 80 fl-Amerika meta grupp ta' lajċi assoċjaw ruħhom mas-sorijiet tal-karità li anki f'Malta, beda grupp bi tmien lajċi f'Ġunju tas-sena 1994. Jessie kienet waħda minn dan l-ewwel grupp, għalhekk qasmet mas-semmiegħa xi tagħrif.

"Għall-bidu, dan il-grupp ma tantx kien stabbli, imma ġara, li meta saru l-festi tal-mitejn sena ta' Ġov Antida, u għall-okkażjoni kien sar dramm fuq il-ħajja tal-qaddisa, diversi persuni wrew l-interess li jsiru jafu iktar u ngħaqdu mal-grupp tal-Ħbieb. Il-grupp ikollu laqgħa fix-xahar, żewġ irtiri ta' jumejn fis-sena, tliet irtiri ta' ġurnata, darba mawra s'Għawdex, jieħu sehem kemm f'xi talb mas-sorijiet u anke fil-festi tal-qaddisin tagħhom u jkunu mistiedna fil-festini li jkollhom is-sorijiet f'għeluq iż-żmien tal-konsagrazzjoni tagħhom, jew xi festin ieħor. Nagħmlu ħarġiet soċjali wkoll." Wara dan Jessie tat in-numri tat-telefon għal min hu nteressat - 21674451 27694451.



Bħala raġel tal-familja, Daniel daħal fil-grupp imħeġġeġ minn martu Miriam. Naraw x'qal,"Minn dakinhar 'il quddiem ma ħaristx lura, anzi il-grupp sar parti mill-ħajja tiegħi. F'Awwissu tal-2007, marti u jien konna parti minn grupp li mar Ruma biex jitwaqqaf il-grupp Internazzjonali tal-Ħbieb. Dan ġie fformulat b'regola (Testo Fondatore) ta' sitt-punti."

Wara li qara tnejn min dawn il-punti, Daniel għamel stedina , speċjalment lill-irġiel, biex isibu ħin ħalli jiġu jaraw il-ħidmiet li jsiru fi ħdan il-grupp, ħbieb ta' Ġov Antida.

**Daniel Grech – Grupp Hbieb Giovanna Antida**

## KRAFTS MAT-TFAL



### KIF TAGĦMEL SILHOUETTE THEATRE

Kull tifel u tifla jkollhom l-istorja favorita tagħhom. Dik l-istorja li tant iħobbu jerġgħu jisimgħu minn ħin għall-ieħor. Hawn jidħol il-ħsieb dwar x'nistgħu nagħmlu differenti meta nirrakkontaw l-istorja li min jaf kemm-il darba qrajnihielhom. Dawn huma ftit punti fuq kif tista' tagħmel teatru tad-dellijiet.

- Sib kaxxa tal-kartun imdaqqsa u aqtalha l-qieħ u l-wiċċ minn fejn tingħalaq. Żomm biss id-dawramejt.
- Għalaq waħda mill fetħiet tal-kaxxa billi tistira u twaħħal biċċa xoqqa rqiqa jew inforra etc, ta kulur ċar (abjad jew cream).
- Tista' żżejjen id-dawra ta barra tal-kaxxa mat-tfal.
- Ittrejsja xi figuri mill-ktieb fuq karta strazza imbagħad aqta' minn kartuna (anke jekk tkun kartuna minn xi kaxxa taċ-ċereali. L-istampa tal-kartuna mhix importanti għaliex it-tfal se jaraw id-dell biss.
- Fin-nofs tal-figura waħħal biċċa plasticine jew blue tack u mbagħad daħħal straw jew kebab stick sabiex int ikollok minn fejn iżżomm il-figura ġot-teatru.

*19th General Chapter of the Concegrationof the Sisters of Charity*

# from the well... to the source



A Chapter is a family gathering that will bring together in the month of June sisters from the 27 countries and the 4 Continents in the world where the congregation is present today. When reunited, the Chapter will represent the highest authority of the Congregation.

The General Chapter's 3 main objectives:
- **review** of the path followed during the last 5 years.
- decisions about the **orientations** for the future.
- **election** of the Superior General and her Councillors.

The General Chapter is composed of 57 sisters who constitute the Capitular Assembly and the Electoral Body: some of them are **members by right**: the General Council, the General Econome; the Provincial and Regional Superiors. The others are **members elected** by the sisters in the various local realities.

Participating in the Capitulary Assembly for a limited time are a few **guests**: **6 sisters** from among the youngest sisters in **Europe**; 4 **junior sisters**: sisters who have not yet pronounced their final commitment; and **10 lay persons**: Friends of Jeanne Antide.

The Chapter begins on the **1st June** and ends 3 or 4 weeks later. The first 3 days will be spent in **Naples** - at **Regina Coeli** - a very dear place to the Sisters, where Saint Jeanne Antide arrived on the 18th November 1810, and where she loved and served God and the poor until the 24th August 1826 when she left this world to enter the Father's House.

During 2010, the 2nd centenary of Jeanne Antide's arrival in Italy, the Capitular Sisters will therefore have the joy of living a strong, spiritual, charismatic and community experience in this place of grace and sanctity.

The Assembly will continue its work in **Rome**, **at the Generalate**, with all the equip of translators, secretaries and sisters who will be helping the Sisters of the community at the generalate and so assure a warm welcome and all the services during this long encounter.

The Chapter will be **animated** by a male religious - Fr Gino Moro, a priest of Don Orione - who, day by day, will guide the Assembly. The Word of God in St John Chap 4: *the meeting of Jesus with the Samaritan woman* inspired the theme chosen for the Chapter:

*"Now is the time to measure ourselves with our faith... Now is the moment to be prophets and saints at the same time"*

All the sisters of the Concegration and the Friends of Jeanne Antide have prepared with enthusiasm and depth all the reflections which centred around this Word that led us to the well... to the Source of living waters.

We rely on the prayers of all our friends so that the time of the Assembly may be truly "**the Work of God**" and cherished expression of St Jeanne Antide, for the Glory of God and the service of our brothers and sisters, in the church And for the world of our times.

## SANTA GIOVANNA ANTIDA MUDELL GĦALL-MARA TAL-LUM - għaliex tispirani

## – minn Nora Macelli

Għalija, Santa Giovanna Antida hija mara formidabbli li seħħilha b'umiltà kbira u mħabba bla qies tintelaq fil-Mulej u tħallih jużaha biex iwettaq ħwejjeġ kbar. Kellha ħafna doni u ħaddnet bosta virtujiet. Għaddiet minn bosta esperjenzi diffiċli li setgħu qatgħulha qalbha. Iżda, ta' bniedma li mit-tfulija għarfet tintelaq fil-Mulej, ħalliet l-isfidi kbar jixprunawha lejn dak li Alla ried minnha.

Fi tfulita, Giovanna Antida **KIENET YOUNG CARER**; tfajla li refgħet ir-responsabbiltà li tieħu ħsieb t'ommha xipli u marradija. Tgħabbiet bir-risponsabbiltà tax-xogħol tad-dar, xogħol fl-għelieqi u l-kummerċ tal-ġlud ta' missierha, tisjir, tindif u ħadet ħsieb ukoll ta' ħutha akbar u iżgħar minnha. Din ir-responsabbiltà bikrija, flimkien mal-fidi f'Alla, għenitha biex timmatura kmieni u tintebaħ li Alla ried jużaha biex tgħin lill-ħaddieħor.

Giovanna Antida kienet **MARA TA' INTEGRITÀ MORALI KBIRA**. Fejn bosta qassisin fi żmienha ċedew għall-pressa tal-persekuzzjoni fiż-żminijiet tar-Rivoluzzjoni Franċiża u ffirmaw dikjarazzjoni fejn ċaħdu l-fidi, hi żammet sħiħ u ma ffirmatx. B'konsegwenza ġiet attakkata mis-suldati u kisrulha kustilja. Kellha taħrab minn pajjiżha u **SARET REFUĠJATA** – itterraq eluf ta' kilometri minn pajjiż għall-ieħor – il-Ġermanja, l-Awstrija, l-Iżvizzera, mingħajr dokument, mingħajr passaport, bla għeruq, ċittadina ta' l-ebda pajjiz. Din it-tbatija kbira u realtà ta' refuġjata kompliet sawritha bħala mara ta' prinċipju, qawwa, perseveranza, u tama. Bħala refuġjata, ma ndifnitx fid-disprament iżda ħadet l-opportunità biex tikkura, iddewwi, tisqi, trejjaq, tnaddaf il-ġrieħi u ssalva l-ħajja ta' bosta refuġjati bħalha.

Giovanna **ANTIDA IFFAĊĊJAT RISKJU T'ABBUŻ SESSWALI WKOLL**: raġel li raha miexja weħida meta kienet refuġjata, ipprova jattakkaha sesswalment iżda nħelset minn persuna li tfaċċat ħin bla waqt fuq il-post. Mara impjegata fid-dar tal-familja meta kienet iċken ippruvat tisforza ruħha fuq Giovanna Antida.

Karatteristika oħra qawwija tagħha kienet li **ĦADMET BLA HEDA FL-UNDERGROUND RESISTANCE** fi żmien ir-rivolzzjoni. Hija ħadet ħsieb trejjaq bosta saċerdoti li bħalha ma ċedewx għall-pressa li jiċħdu l-fidi tagħhom; dawn għexu f'għerien u f'boskijiet. Li kieku nqabdet kienet żgur tinqatel mis-suldati. Minkejja l-għassa kbira li kien hemm u l-ispiji kullimkien, Giovanna Antida sostniet fil-ħabi t-tagħlim ta' tfal fi żmien meta t-tagħlim għall-poplu kien limitat għal skejjel liċenzjati mir-rivolzzjoni.

Giovanna Anitda kellha bosta doni oħra li rrendewha mara ta' vizjoni qawwija, bi prinċipji li saħansitra llum għadna qed niddibattu u nippromwovu. Per eżempju, Giovanna Antida **FEHMET U ĦADDNET IL-PRINĊIPJU TAD-DIVERSITÀ**. Aċċettat kompletament bla ebda kundizzjoni jew 'imma' u ħabbet ħabsin, lil dawk b'mard li jittieħed, persuni b'diżabiltà, nisa tat-triq, orfni jiġġerrew mat-toroq tal-ibliet, persuni bi twemmin, ilsien u razza differenti minn tagħha, u nies li qed jgħixu f'faqar assolut. Lil dawn kollha ħabbithom u offritilhom għajnuna ħolistika: ikel, ilbies, saqaf, edukazzjoni, trawwim morali u spiritwali, taħriġ, xogħol u opportunità biex huma wkoll jgħinu lill-ħaddieħor.

Kienet persuna li **ĠARRBET TELFA TA' GĦEŻIEŻ** tagħha; oħtha iż-żgħira mietet fi ċkunitha u l-familja kollha ħasset sew it-telfa tagħha. Aktar m'għadda ż-żmien aktar ma ġarrbet telfiet: tilfet lill-ommha meta kellha 16-il sena. Wara li telqet minn darha biex issir soru qatt aktar ma ltaqgħet ma' missierha li tant kienet tħobb u tirrispetta. Giovanna Antida **APPREZZAT ĦAFNA L-IMPORTANZA TAL-LITTERIŻMU U EDUKAZZJONI AKTAR WIESA'** u għamlet minn kollox biex tgħallem lilha nnifisha ħalli tkun taf tesprimi ruħha bil-kitba. Iz-zija tagħha, oħt missierha, ikkonvinċiet lil ħuha li Giovanna Antida ma' kellhiex bżonn titgħallem ħafna skola għaliex bħala tifla ma' kellhiex bżonn ta' skola għall-ħajja. Minħabba f'hekk ommha u missierha ħarġuha kmieni mill-iskola u dan kien nuqqas li baqgħet tipprova taħkem snin wara li saret soru. Fil-fatt, il-kitba tagħha hija ta' xi ħadd li bla ħeffa fil-kitba. Kien probabbli dan l-apprezzament tagħha li wrieha l-valur li tgħallem lill-foqra li qajla kellhom opportunità ta' tagħlim fi żminijietha.




Tul ħajjitha, kif ukoll tul s-snin tal-ħidma tal-ordni li bdiet f'bosta kontinenti u pajjiżi mad-dinja kollha, is-Sorijiet tal-Karità infilsaw il-tagħlim f'kull servizz li bdew. Tant li jekk wieħed jifli sew l-artikli fil-magażin internazzjonali tal-kongregazzjoni – *Partout dans le Monde* (kullimkien madwar id-dinja) wieħed jintebaħ li l-edukazzjoni tal-foqra hija biss element wieħed fil-firxa tas-servizzi u inizjattivi tas-Sorijiet tal-Karità.

Fuq ħafna livelli, Giovanna Antida kienet **INNOVATRIĊI GĦAL ŻMIENHA**. Fejn tidħol l-edukazzjoni, hija żviluppat il-kunċett tal-edukazzjoni ħolistika. F'dak kollu li kienet tagħmel kienet teduka, trawwem l-iżvilupp ta' valuri u moralità, tikkura u tfejjaq, trejjaq, trawwem fehma tan-nutriment u iġene, tħarreġ u toħloq xogħol li jagħti dinjità lill-persuna u flus għall-familja. Kull fejn marret biex tibda xi servizz ġdid b'risq il-foqra, marret b'moħħ miftuħ u bla preġudizzju. Kważi mitejn sena ilu, Giovanna Antida diġà pprattikat il-prinċipji ta' Community Work. Dan għamlitu billi ippruvat tifhem sew il-kundizzjonijiet soċjali u ħtiġijiet tan-nies tal-madwar sabiex kull inizjattiva li tibda tkun msejsa fuq ħtiġijiet reali flok fuq dak li hi taħseb li l-foqra għandhom bżonn. Fuq kollox, ma speċjalizzatx f'qasam wieħed imma daħlet b'ruħha u ġisimha għal ħidma f'kull settur, skond il-ħtiġijiet li intebħet bihom – saħħa, saħħa mentali, ġustizzja kriminali, edukazzjoni, xogħol, l-qasam soċjali u spiritwalità. Fil-fatt, is-sorijiet ta' Santa Giovanna Antida speċjalizzaw f'kull qasam li għalih ġew imsejħa għax kien hemm bżonn – tħarrġu u ħadmu fl-oqsma tan-nursing (ħafna sorijiet f'pajjiżna kienu Nursing Officers), edukazzjoni (għalliema), social workers (fi djar tat-tfal, fil-komunità, fi djar tal-anzjani), servizz f'ħabsijiet, sptarijiet mentali, sptarijiet ġenerali, kliniċi rurali, taħriġ għax-xogħol u bosta oqsma u kuntesti oħra.

Fuq kollox nammira lill-Giovanna Antida għall-**UMILTÀ PROFONDA** tagħha: minkejja li nħaqret, gidbu kontrieha u ngħatat bis-sieq minn persuni f'pożizzjoni ta' saħħa u poter, hija ma daritx kontriehom iżda talbet fuq li talbet u, fejn setgħet u fejn kien xieraq, spjegat il-fatti bla emozzjonijiet. Kienet umli imma mhux tapit. Irrispettat lill-awtorità. U rawmet ġenerazzjoni ta' sorijiet li ħaddnu u kattru l-missjoni li għaliha Giovanna Antida ħassitha msejħa għaliha. Fis-sempliċità imma qawwa spiritwali interjuri tagħha, Giovanna Antida seħħilha tegħleb il-'jien' iż-żgħir tagħha u sabet lilha nnifisha sewwasew għax għarfet tagħmel dan. Matul ħajjitha sal-lum, baqgħet xhieda ħajja ta' kif aħna lkoll għandna u nistgħu niżvujtaw ruħna billi ninfetħu għar-rieda tal-Mulej – it-triq li permezz tagħha biss nistgħu nidqaddsu u nsiru flawt vojt li minnu l-Mulej isaffar il-melodija tiegħu. -----)

# Rokna Poeżija

**Is-sewwieq, il-karrettun, u d-debba**

Issuq sew, sabiħa tiegħi,
minkejja t-tagħbija ...
arahom x'jistiraw ir-riedni tal-jien
u tal-glandoli jnixxu tar-rebbiegħa
u ara x'għandek tat-tpinġijiet sbieħ
biex tirristawra
w tikkura, mal-karrettun.

Taf li ġietni ħolma dwarek -
jew ma tafx li l-anġli joħolmu? -
li jum wieħed,
nispera mhux tard wisq fil ħarifa
jistriħulek l-iżbroffi u l-ġiri sfrenat...
tindunaw, int u ġensek, tindunaw
f'leħħa t'għerf u ta' għageb,
u bi qtugħ kbir ta' nifs,
li inti l-għajnejn fid-dinja ta' Dak
u mħabbtu.

U ara kif tirtablek l-ebusija
u kif jitwessagħlek l-artab delikat
u ara kif ibattu ir-riedni mill-istirar,
f'idejk delikati, sabiħa tiegħi,
waqt li jonfoħ ma dharek: riefnu,
li qatt ma mmansa, u ma jinqabadx,
li jmexxilek
il-karrettun.

U wara, iżda qabel ma tmut fix-xitwa
fis-sliem, forsi titlaqgħom kollha r-riedni
u ssib ruħek... debba!
tieħu fuqek il-madmad ħelu*
u hekk, għal kollox imqajjma,
tfewwaħ u twassal l-imħabba ta' kullimkien
tar-riħ li jmexxik.

*(*) Matt 11:30*

*tony macelli*



## GRAZZI KBIRA

Is-Seminarju li skola bdejt
Ferħ kbir ġo qalbi jiena ħassejt,
Din skola tajba, w' tipreparana,
Biex irġiel sewwa ilkoll tarana.

Ġo din l-iskola ħbieb sew għamilt,
Nispera b'qalbi li sew għazilt.
Is-surmast huwa ħafna min tagħna,
Kultant xi għajta, dan jgħajjat magħna.

Meta jarana f' xi kurutur,
X'ħin ma' li skola, jkun qed idur,
Raġun ikollu dana miskin,
Għax aħna nkunu qed naħlu l-ħin.

It-teachers kollha, tas-sew ħabbuni
Għax student tajjeb, kollha sabuni
Problema għandi, dyslextic jiena
Iżda jien bravu, naħdem bla ħniena.

Jien naħdem ħafna, ġo kull lezzjoni
Għakemm diffiċi, nżomm l-attenzjoni
Il-homework iżda, dan ma' nagħmlux.
Nagħmel min kollox, biex ma nagħmlux.

Wara l-hin kollu, fuq dak il bank,
Ftit ħin għalina għatuna mank
Minn qalbi ngħidilkom, noħrog ta' nies
Kburin ngħamilkom naħdem bla qies

Grazzi min qalbi nagħidilkom kollha
Żgur mhux se nħalli taqbizli l-molla

Shane Borg



# COFFEE MORNING

## B'RISQ IL-MISSJONI TAS-SORIJIET TAL-KARITÀ



*Nhar it-Tlieta, 8 ta' Ġunju 2010*

*St. Thomas Holiday Complex - Munxar Road, M'Scala*

*mid-9.00 ta' filgħodu sa 12.30 ta' wara nofsinhar*

*Il-prezz hu ta' €4 jew €5.50 bit-trasport.*

*Ċemplu lil Doris Seguna fuq 21696237*

## Bazaar matul ix-xahar ta' Ġunju

**Issibuh miftuħ kull nhar ta' Ħamis u nhar ta' Sibt bejn id-9.00am u 12.00am fi Triq Santa Tereza f'Ħal-Tarxien. Il-dħul se jmur kollu b'risq is-servizzi u l-ħidma appostolika li s-Sorijiet tal-Karità jwettqu f'Malta u barra minn Malta. Għal aktar tagħrif, ċemplu lis-Sorijiet tal-Karità fuq in-numri 21694451 jew 27694451**

## DONATIONS

*Your donation is truly appreciated; it enables us to consolidate our services to vulnerable individuals and families from surrounding parishes. Cheques are to be issued to the St Jeanne Antide Foundation. Bank transfers can be made to the following bank account:*
*APS Bank – St. Jeanne Andtide Foundation – IBAN Number*
*MT03APSB77080005504720000681886*

***THANK YOU! WE PROMISE TO PRAY FOR YOU AND YOUR FAMILY***

## FOUNDATION SERVICES

**1. The Antide Centre:** a drop-in centre in Tarxien open from 7.30am to 5.30 pm daily in winter time (sometimes later as well).

**2. The Social Work & Counselling Service:** includes home-visits by a nurse to home-bound lonely elderly, family-focused community outreach work and youth work.

**3. The Learning Support programme:** includes (a) a Homework Support Service for children and young persons; (B) the Bridge Programme - a basic skills training initiative for youths aged 16 to 24 including those with mild cognitive developmental delays and mental health problems; (c) non-formal learning opportunities for vulnerable adults (courses on self-esteem, basic ICT, etc). (d) Mentoring youths-at-risk.

**4. Caring for Carers Programme:** includes (a) Grandparent Education which supports parishes to start and run a NannaKola Club for grandparents who care for their grandchildren. Monthly dialogue sessions with experts take place at the Ċentru Antida. (b) support to carers of persons with mental health problems, disability and chronic ill-health; (c) Young Carers support (in the pipeline)

**5. Consultations to Diaconia Commissions** regarding service provision.